# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru **8** Mejju Gunju 1995


Dal-magażin stampat fuq karta riċiklata

**STEAK BUSTERS**

(paġna 4)

**600 ġodda...**



(paġna 3)

Raymond Galea



*Bagħal ta' l-Imrewħa*

BirdLife MALTA MOS

**IL-MAGAŻIN TAL-KLABB HUTTAF**

editorjal



Desirée Falzon

# Ħello Ħuttaf!



Il-bieraħ l-iskola ġie għandi wieħed tifel kollu nkwetat u eċitat. F'idejh kellu xi ħaġa. Kien fellus ta' Għasfur tal-Bejt! Indunajt x'se jgħidli:

"Ser ser dan l-għasfur sibtu fil-bitħa jpespes waħdu miskin għadu ma jafx itir jaħasra ommu tilfitu jew qatluhielu issa kif se jgħix x'se nagħmel bih ser ma nafx nitimgħu jien ..." Kollox f'nifs wieħed qalli!

"Żomm, żomm! Ikkalma" għedtlu bi tbissima. Imbagħad qgħadt nispjegalu li dak l-għasfur la kien tilef lill-ommu u lanqas lil missieru.

"Mela allura x'kien qed jagħmel waħdu hemm f'nofs il-bitħa?" qalli t-tifel. Kien jidher għadu nkwetat.

"Ara ħa ngħidlek" komplejtlu "Dak il-fellus ftit ilu kien fil-bejta, u issa billi qed jikber u jtella' r-rix, beda joħroġ mill-bejta u jippassiġġa, allavolja għadu ma jafx itir."

"Imma ommu fejn hi allura?" staqsieni t-tifel.

"Ommu qiegħda bħalissa nkwetata tistenniek terġa' tmur tpoġġilha lit-tifel tagħha fejn sibtu! Dik taf eżatt fejn kien qiegħed, u qed tistennih ħalli tkompli titimgħu. Issa ħudu lura u poġġih fejn kien, u jekk trid, mur staħba ftit 'il bogħod u ara x'se jiġri"

Kwarta wara erġajt rajt lit-tifel fil-brejk, u staqsejtu kienx telqu.

"Iva" qalli, "imma kellek żball ser, għax ommu ma niżlitx!" Imbagħad beda jidħaq u qalli "Niżel missieru minflok!"

Ħbieb, meta bħal daż-żmien issibu fellus ta' għasfur tal-bejt waħdu waħdu, taħsbuhx mitluf. Ommu taf fejn qiegħed iktar milli ommkom taf fejn intom intom!

Victor Falzon
Editur




## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq Ta' San Martin | paġ 5 |
| Ittri u Kompetizzjoni | paġ 6 |
| Art Gallery u Poeżija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Gruppi Lokali | paġ 9 |
| Niltaqgħu ma' Ruth Sultana | paġ 10 |
| Paġna Messaġġ | paġ 12 |




Tina

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Graziella Fenech

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Bagħal ta' l-Imrewħa**

(*Cisticola juncidis* - Fan-tailed Warbler)

Miskin għaliex jgħidulu bagħal?! Aħna l-berdwoċers laqqamnih "Żippu" minħabba t-tisfira tiegħu. Iż-Żippu huwa l-iżgħar fost il-ftit għasafar li jbejtu f'Malta. Jagħmel bejta qisha buqar bl-għonq dejjaq, u r-raġel (mhux billi daqs tikka!) jaf ikollu iktar minn mara waħda fl-istess żmien!

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima tal-BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-erbatax-il sena. Il-Klabb jitmexxa minn grupp ta' Youth Leaders, li jorganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, talks, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll numru ta' Gruppi Lokali fil-pajjiż.

©Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta MOS 1995

Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

# Kappunata!




Tul l-aħħar ġimgħa ta' April u l-ewwel ġimgħa ta' Mejju, fir-riserva tas-Simar kien hemm għasfur tal-ġenn! Kull filgħaxija kien qed jiġbed lejh pellegrinaġġ ta' berdwoċers. Dan kien **Kappun** (Botaurus stellaris - Bittern). Il-Kappun huwa speċi ta' russett li f'Malta diffiċli tarah. Diffiċli għax l-ewwelnett mhuwiex komuni - fil-fatt fl-Ewropa sar rari sewwa f'dawn l-aħħar snin. Diffiċli wkoll għax il-ftit li jitfaċċaw Malta malajr jingħataw is-salut minn xi kaċċatur - x'jimpurtah li l-Kappun huwa mħares bil-liġi! Diffiċli wkoll għax l-ambjent tal-Kappun, jiġifieri bur qasbi (reedbed), huwa rari ħafna f'Malta. U biex tkompli tgħaqqadha, il-Kappun huwa annimal mistħi ħafna. Mhux talli għandu l-kulur tal-qasab li jinħeba fih, imma joħroġ jistad biss fi tlugħ jew inżul ix-xemx! Għiduli għalhekk kif jista' jkun li tarah! Imma bil-paċenzja u b'daqsxejn xorti tajba, xi berdwoċers mhux talli rawh, imma rawh itir, jistad, jaqbad il-ħut u jibla'!

## Biż-żgħar fis-Simar

Il-**Gallozz Iswed** (Moorhen - *Gallinula chloropus*) għoġbu sew l-ambjent tas-Simar - tant li dis-sena ddeċieda li jbejjet! Ħadd ma jaf eżatt kemm-il par bejtu, imma berdwoċers spiss jaraw frieħ jgħumu qalb il-qasab. Dan l-għasfur nistgħu issa ngħidu li huwa stabbilit fost l-għasafar li jbejtu f'Malta.

## invadewna



Tiftakru fl-aħħar ħarġa tal-Ħuttafa semmejnilkom il-Green Week? Dik saret b'suċċess kbir għall-Klabb tagħna. Waqt il-Green Week kemm taħsbu li daħlu membru ġodda fil-Klabb Ħuttaf? Daħlu 600! Iva sewwa smajtu. Sitt mija!!!! Dik aħbar!

## aktar kenn fuq Kemmuna



Tafu bir-riserva ta' Kemmuna? Kemmuna hija santwarju ta' l-għasafar. Imma barra minn hekk il-BirdLife MOS qiegħda tieħu ħsieb l-ambjent ta' biċċa mill-wied li jiftaħ fil-bajja ta' Santa Marija. Diġà tħawlu xi siġar f'xi partijiet mill-post. Is-siġar jiġbdu lejhom l-għasafar għax joffru kenn u ikel. U nafu kemm Kemmuna hija nieqsa mis-siġar. Kull sena f'Kemmuna l-BirdLife MOS tagħmel studju ta' l-għasafar. Dan l-istudju jismu Progetto Piccole Isole u jsir f'ħafna nħawi tal-Mediterran.

# LIĠI FIL-PERIKLU

L-Amerikani għandhom liġi stupenda. Din il-liġi tgħid li jekk f'post jeżisti mqar annimal wieħed jew pjanta waħda li hija fil-periklu li tinqered, allura dak il-post isir protett bil-liġi u ħadd ma jista' jkisser u jfarrak fih. Bis-saħħa ta' din il-liġi, mijiet ta' postijiet fl-Istati Uniti ssalvaw mill-qerda. Naturalment xi kumpaniji sinjuruni, li għajnejhom ma jarawx ħlief dollars, xejn ma ddoqqilhom liġi bħal din. X'jiġifieri xi biċċa nemla se żżommhom milli jaqilgħu dawk il-miljuni ta' dollars!!! Il-biża' hu li l-gvern Amerikan donnu se jibda jċedilhom lil dawn iż-żaqqiqin, u dik il-liġi li tant salvat foresti u ambjenti oħra hemm ċans kbir li titnaqqar sew! X'ħasra!







BBC Wildlife Magazine 5/95

## Bye bye butcher



Waħda mill-ikbar kumpaniji tad-dinja ta' ħwienet tal-laħam, id-Dewhirst, għadha kemm għalqet. Il-ħwienet tagħha mhumiex qegħdin jagħmlu biżżejjed qligħ għax qed imorrulhom inqas nies minn qabel. Ir-raġuni li tat il-kumpanija stess kienet: **"Il-publiku qiegħed ibiddel id-dieta ta' l-ikel!"** Possibli hawn tant nies li qed isiru veġetarjani? Veġetarjani huma dawk in-nies li jiddeċiedu li ma jiklux laħam għax ma jridux annimali jsofru.

Folji Hodor 4/95

# L-Oriks Orrajt!

Jeżistu żoos li xogħolhom mhux li joqogħdu juru lin-nies salt annimali mdejqin fil-gaġeġ, imma li jippruvaw isalvaw xi annimal li jkun sar rari ħafna fis-selvaġġ. Wieħed minn dawn iż-żoos huwa Phoenix Zoo fl-Istati Uniti. Dan iż-żoo kien beda proġett biex isalva l-**Oriks Għarbi** (Arabian Oryx - *Oryx leucoryx*), antilope kbir u abjad ilellex li jgħix biss fid-deżert ta' l-Oman. Dan l-annimal tant ikkaċċjawh li qerduh minn wiċċ l-art. Fl-aħħar mument, fl-1962, ambjentalisti Ingliżi qabdu l-aħħar tlieta mis-selvaġġ u flimkien ma' sitt oriks oħrajn li ġabu minn xi żoos ħaduhom ġo Phoenix. Hemmhekk din il-merħla żgħira bdiet tikber u tkattar fin-numru. Maż-żmien bdew jerġgħu jieħdu gruppi żgħar minn din il-merħla u jitilquhom mill-ġdid fl-Oman, li issa ħoloq santwarju kbir apposta għall-oriks. Bis-saħħa ta' dawk in-nies li fl-1962 ma qagħdux iħarsu biss imma ħadu azzjoni f'waqtha, illum fid-deżert ta' l-Oman reġa' hemm xi 230 Oriks Għarbi jimirħu fis-selvaġġ. Das-sajf fil-fatt se jintelqu l-aħħar għaxar annimali, u bihom jintemm b'suċċess kbir proġett li ilu sejjer 33 sena.





# l-Għasfur ta' San Martin

Ħaġa li tolqot lil kull min jindenja ruħu jħares lejn in-natura hi kif kull speċi ta' annimal jew pjanta għandha għamla li tgħinha tgħix f'ambjent partikolari. Għalhekk ngħidu aħna ħarsa lejn l-għasafar turina li kull speċi jkollha l-ġwienaħ, munqar, saqajn u binja skond fejn tgħix. Illum ser nittawlu ftit fil-ħajja ta' għasfur li jqattagħha ħdejn l-ilma: l-Għasfur ta' San Martin.

Ta' San Martin huwa ftit ikbar minn Tal-Bejt. L-ewwel ħaġa li tolqotna hija l-ilwien sbieħ li għandu: minn fuq ikħal ikanġi fit-turkważ, minn taħt oranġjo jgħajjat, saqajh ħomor u munqaru aħmar fl-iswed. Għandu ras kbira ħafna għad-daqs tiegħu, u l-munqar huwa twil u mislut. Saqajh ċkejknin ħafna u bilkemm jidhru.

Mill-munqar nindunaw li Ta' San Martin x'aktarx jistad għall-ħut, u hekk hu, għax dan l-għasfur huwa sajjied prim u kapaċi jgħaddi ħinijiet twal jgħarrex fuq xi zokk 'il fuq mill-ilma, sakemm jilmaħ ħuta jew xi marżepp. Malli jara xi ħaġa jaqbeż u jogħdos b'ħeffa kbira u kapaċi anke jgħum taħt l-ilma. Tant jaf jistad li t-Taljani jgħidulu "Martin pescatore". Billi jiekol ħlejjaq akwatiċi, Ta' San Martin jgħix ħdejn l-għadajjar u x-xmajjar. Anke l-bejta jħaffirha fil-wileġ tar-ramel li jiffurmaw maġenb l-ilma.

Xi wħud minn dawn l-għasafar ipassu u jqattgħu x-xitwa fil-Mediterran fejn il-klima hija ħanina. B'hekk ma jistax jonqos li narawh fil-gżejjer tagħna, u fil-fatt huwa komuni minn Awwissu sa Marzu, l-aktar fil-ħarifa.

F'dan iż-żmien jidher max-xatt u spiss narawh iżiġġ baxx fuq wiċċ l-ilma u jsaffar tisfira li tixbaħ "ċiiiii ċiiiii". Jidher ukoll ta' spiss fil-widien li jkollhom l-ilma, moħbi qalb il-qasab, u f'imkejjen bħall-Għadira, is-Simar u s-Salina.

Fil-fatt fix-xitwa l-aħjar postijiet biex narawh huma r-riżervi tal-Birdlife MOS, li joffru ikel u kenn lil dan l-għasfur. Huwa għasfur kemmxejn imgerrex, imma jekk inżuru r-riżerva ta' l-Għadira nistgħu nkunu xxurtjati li narawh anke jistad minn fuq xi zokk qrib il-*ħajds. Dehra li taraha darba u ma tibdilha ma' xejn.

| |
|---|
| Malti: **Għasfur ta' San Martin**<br>Ingliż: **Kingfisher**<br>Xjentifiku: ***Alcedo atthis*** |

Bħas-soltu jeżistu nies li din id-dehra jippreferuha fil-vetrina, ċassa u ma tiċċaqlaqx. Tafu kif jirraġunaw dawn in-nies? "Iktar ma hu sabiħ, iktar għandna noqtluh!" Hekk jaħsbuha l-kaċċaturi. Mur ifhimhom! B'xorti tajba għall-għasafar, aħna naħsbuha mod ieħor. Nafu napprezzaw l-Għasfur ta' San Martin ħaj, jistad u jittajjar. Min jaf, forsi xi darba jbejjet fostna wkoll u nkunu nistgħu narawh is-sena kollha.

**Mark Falzon**

* Ħajds huma kmamar speċjali li fihom tista' toqgħod bilqiegħda moħbi tara l-għasafar bla ma l-għasafar jaraw lilek. Fir-riservi tal-BirdLife MOS hemm minn dawn il-kmamar.

# ittrittrittrittrittri

## Misteru fil-Ġnien

**Għażiż Editur,**

**Taħt it-tieqa tal-kamra tiegħi hemm ġnien kbir u fih jinżlu ħafna tipi ta' għasafar. Fi Frar kien jinżel wieħed kollu iswed, b'denbu aħmar jgħajjat, u fuq ġwinħajh daqqiet bojod. Jekk jogħġbok tista' tgħidli x'inhu dan l-għasfur?**

**Alistair Corser**
**Gżira**



Għażiż Alistair,

Tant iddeskrivejtu tajjeb illi m'hemmx l-iċken dubju x'inhu l-għasfur misterjuż. Dak kien Kudirross Iswed **(Black Redstart)**, għasfur komuni f'Malta fix-xitwa. Huwa wieħed minn dawk l-għasafar li spiss jinżel fil-ġonna tagħna, peress li mhux daqshekk imgerrex min-nies. Jekk tagħmillu birdtable (jew tħajjar lis-sidien tal-ġnien jagħmlulu waħda), iktar tarah jiġi bil-qalb.

L-Editur

## Min jaħqar l-iktar!

**Għażiż Editur,**

**Jiena nħobb ħafna l-annimali bħal klieb, qtates, żwiemel, fniek u dawk l-annimali kollha li qisek tikkomunika magħhom. Sfortunatament jiena d-dar m'għandi l-ebda minn dawn.**

**Ftit ilu fuq it-TV kien hemm il-ġirja taż-żwiemel l-Italja. Tgħidx kemm jibdew isawtuhom biex jiġru. Xi kultant nibda nixtieq li ż-żiemel iwaqqa' lil sidu minn fuq dahru!**

**Christine Cassar**
**Mosta**



Għażiża Christine,

Ħafna nies jaħsbu li l-annimali jeżistu biss għall-gost tagħna, biex nagħmlu bihom li rridu. Bħal ġugarelli. Bħal skjavi. Hemm min lanqas biss jemmen li l-annimali jħossu l-uġigħ bħalna.

Inti semmejt it-tlielaq taż-żwiemel. It-tlielaq ta' l-annimali huma KOLLHA moħqrija, uħud iktar minn oħrajn. X'jimporta li s-sid jonfoq ħafna flus fuq iż-żiemel, u jgħidlek li huwa l-mimmi ta' għajnejh. Kollu wiċċ b'ieħor! X'jgħid dak l-istess sid jekk iż-żiemel "għażiż" tiegħu jibda jitlef tellieqa wara oħra! Malajr jeħles minnu. Addijo l-mimmi t'għajnejh imbagħad!

Baqa' ħafna żmien sakemm in-nies jitgħallmu (jekk qatt jitgħallmu) verament ma jkunux egoisti ma' l-annimali. Għalhekk l-annimali għandhom bżonn ħafna ta' nies li jaħsbuha bħalek, Christine. Keep it up!

L-Editur

## AKTAR ITTRI...

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 P | 2 | 3 | 2 | 4 | 4 R | 5 | 6 S | 6 |
| 7 | | 9 | | 10 | | 4 | | 1 |
| 8 | | 4 | | 6 | | 3 | | 5 |
| 9 | | 3 | | 6 | | 5 | | 12 |
| 3 | | 10 | | 9 | | 8 | | 6 |
| 3 | | 11 X | | 3 | | 7 | | 10 |
| 7 | | 7 | | 3 | | 12 | | 12 |

| | | |
|---|---|---|
| 1 = P | 5 = | 9 = |
| 2 = | 6 = S | 10 = X |
| 3 = | 7 = | 11 = |
| 4 = R | 8 = | 12 = |

**Aqtgħu x'inhuma s-sitt għasafar moħbijin fil-kaxxi. Kull numru jfisser ittra. Biex ngħinukom tajnikom erba' minnhom.**

maħsuba minn
**Norman Chetcuti**

## Ibagħtu l-ittri tagħkom lil:

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta MOS**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**



*Barbaġann minn Peter Borg*

# ART GALLERY

Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur
Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta



*Tajra Safra*
*minn Robert Falzon (9)*

*Bagħdan Aħmar*
*minn Alec Mifsud (8)*





*Spanjulett*
*minn Karl Spiteri*

poeżija

## *Lill-Farfett*

*Fejn sejjer tixxejjer,*
*Hekk ċkejken hekk ħlejju,*
*F'di' l-għodwa ta' Mejju,*
*Ja sbejjaħ farfett?*

*X' ilellex dak ġewnħek*
*Bit-trab ta' mitt warda*
*Li kmieni mort tarda'*
*X'ħin sebaħ il-jum!*

*Ix-xeħta ferħana*
*Ta' min dejjem ħieni*
*U jisbaħ minn kmieni*
*Bil-qalb qiegħda tfur*

*Inħobbha, ja mżewwaq:*
*Le rrid illi lilek*
*Xi deni jiġrilek,*
*Ja mqareb farfett.*

*U 'kk qatt, ja ferrieħi,*
*Tiġrilek xi ħsara,*
*Jew teħda dil-ħrara*
*Li għandek illum,*

*Ejj'għandi u tektikli*
*B'dak ġewnħek bellusi,*
*Ħa nkisser karusi*
*U rreġġgħek ferħan.*



Dil-poeżija bagħtitħielna Elaine Galdes. M'hemmx dubju li sabiħa, imma aħna nippreferu poeżiji *li tiktbu intom stess*, flok tirrepetulna dak li ssibu fil-kotba. F'każ li tibagħtulna poeżiji ta' ħaddieħor, qisu li dejjem tiktbulna l-isem tal-poeta (ma naċċettawx poeżiji anonimi). U QATT,QATT tippruvaw tgħaddu poeżiji ta' ħaddieħor bħala tagħkom. Minbarra li dan huwa serq, tistgħu ġġibu lilna u lilkom infuskom fl-inkwiet.

**THOBB** tieħu pjaċir? **THOBB** tħaddem is-sensi? **THOBB** tikkompeti? **THOBB** tirbaħ? Jekk it-tweġiba hija **IVA** mela **ŻGUR** m'għandekx titlef il...



# Kwiżż bis-Sens

M'għandekx bżonn tistudja għal dan il-Kwiżż. Sempliċiment ejja u ħu pjaċir, u fl-istess ħin titgħallem xi ħaġa dwar in-natura. Rigali għar-rebbieħa ma jonqsux. U fil-każ li l-Kwiżż jiftaħlek l-aptit, tippanikjax: xi ħaġa x'tiekol u x'tixrob ħa naħsbulu wkoll!






Data: 30 Ġunju 1995
Post: Istitut Kattoliku - Furjana
Ħin: 5.30pm
Prezz: 50ċ (fil-bieb)
(ara mappa)






A quiz and snack evening for our club members. No need for preparation, just come and have fun. Prizes for winners. Date: 30 June. Place: Catholic Institute in Floriana (next to USA Embassy). Time: 5.30 - 7.30pm. Price: 50c (at the door). See you there!








# X'inhi EKOLOĠIJA ???

Ekoloġija hija l-istudju ta' kif l-annimali u l-pjanti jgħixu flimkien fl-ambjent naturali tagħhom. Suġġett interessanti ħafna...

**Tixtieq tkun taf iktar?**





**B'75ċ biss jasallek id-dar bil-posta l-ktieb il-ġdid "EKOLOĠIJA" tad-ditta Ladybird, maqlub għall-Malti u bil-kulur.**

Minn ħwienet oħra se ssibu 95c, u naturalment trid tmur int tixtrih. Aħna nibagħtuhulek id-dar!! Imla fotokopja tal-formola t'hawn taħt (tqattax il-magażin) u ibgħathielna.




# GRUPPI LOKALI

**RABAT-ATTARD**
Ko-ordinaturi: Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti
Leaders oħrajn: Isabella Borg, Graziella Fenech, Marija Fenech, Justin Vassallo.

**NAXXAR**
Ko-ordinaturi: Mark Falzon u Silvana Agius
Leaders oħrajn: Jason Aloisio, Robert Borg, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto, Mark Gauci, Carmen Vella.

**F'din il-paġna Audrey Chetcuti titkellem ma' nies differenti tal-BirdLife Malta MOS, li jkellmuna dwar is-sehem tagħhom fl-għaqda.**

# Niltaqgħu ma'
## *Ruth Sultana*

***Żgur li ndunajtu li waqt l-attivitajiet tal-Klabb Huttaf ma jkunx hemm tfal kbar magħna. Dan għaliex biex tkun fil-Klabb Huttaf ma jridx ikollok iktar minn erbatax-il sena. Allura tistaqsuni: X'isir mill-membri hekk kif jagħlqu l-erbatax-il sena? Aħna staqsejna lil Ruth Sultana, li tmexxi lill-FALKO!***

**Ruth, l-ewwelnett inti kif tħajjart tidħol fl-MOS?**
Naħseb ili membru minn mindu kelli erba' snin, peress li missieri għamel żmien president ta' l-MOS! Imma sirt membru attiva wara li attendejt wieħed mill-kampijiet taż-żgħażagħ ta' l-MOS, u hemmhekk għamilt ħbieb ġodda ta' l-età tiegħi, li bħali kienu interessati fin-natura ta' Malta.

**X'inhi l-għajnuna li inti tagħti fl-MOS?**
Meta ssir membru attiv jew attiva tispiċċa tagħmel kollox fl-MOS. Flimkien ma' ħbiebi ħadt sehem fi protesti favur il-ħarsien ta' l-għasafar, għent fl-istands ta' l-MOS waqt fieri, kont u għadni leader fl-attivitajiet. Kelli opportunità li nippreżenta programm tat-tfal fuq it-televixin. Saħansitra niftakar kemm nofs
ri
a,
et
sa
ż-




**X'inhi l-FALKO?**
Il-FALKO hija t-taqsima tal-membri żgħażagħ fl-MOS. Din tinkludi lil dawk il-membri li għandhom bejn 14 u 25 sena. Jiġifieri meta membru tal-Klabb Huttaf jagħlaq 14-il sena jidħol fil-FALKO, u jibda jattendi l-attivitajiet tal-FALKO.

**Fil-FALKO jkollhom attivitajiet bħalna tal-Klabb Huttaf?**
Ikollna ħafna attivitajiet differenti matul is-sena. Ftit minnhom huma bħal tal-Huttaf, bħal ħajks fil-kampanja u slajdxows. Barra minn dawn ikollna attivitajiet li bihom ngħinu biex intejbu l-ambjent: per eżempju nħawlu s-siġar, innaddfu xi wied jew immorru ngħinu f'xi riserva naturali bħall-Għadira. Ikollna najtħajks, jiġifieri mixjiet bil-lejl; ikollna avventuri bħal meta mmorru Għawdex biex bil-lejl nisimgħu liċ-Ċief dieħel fl-irdum f'Ta' Ċenċ. Ikollna wkoll kampijiet, li issa saru famużi mal-membri tal-FALKO. Fihom

* **Il-Kanġu** kien magażin li konna noħorġu qabel ma bdejna nagħmlu **Il-Ħuttafa**.

inqattgħu tlitt ijiem (jew iktar) f'xi post interessanti, biex flimkien nitgħallmu aktar dwar l-għasafar u l-ambjent. Fuq kollox nieħdu gost!!

**Il-membri tal-FALKO wkoll jirċievu l-magażin Il-Ħuttafa?**

Meta ssir membru tal-FALKO tibda titrċievi magażin ieħor minflok Il-Ħuttafa. Dan jismu EARTH?, u bħall-Ħuttafa joħroġ kull xahrejn. Fih ikun hemm artikli interessanti dwar dak kollu li għandu x'jaqsam man-natura u l-ħarsien tagħha; il-paġna tan-nofs tkun tinfetaħ f'poster ambjentali li tista' ddendlu fil-kamra tiegħek. EARTH? ikun fih ukoll tagħrif fuq l-attivitajiet li jkollha l-FALKO.

**Grazzi, Ruth, u nawgura li l-membri tal-Klabb Ħuttaf jibqgħu fil-BirdLife MOS sa ma jkunu kbar biżżejjed biex jingħaqdu mal-FALKO!**

**Audrey**


## SMAJTU?

**ĦAREĠ KTIEB TAL-ĠENN DWAR IN-NATURA MALTIJA**

**"Flora u Fawna ta' Malta"**

- Jiddeskrivi kważi 1000 speċi ta' pjanti u annimali li hawn f'Malta
- L-ispeċi KOLLHA mpinġijin bil-kulur
- Ħafna tpinġijiet oħra bil-linka
- Miktub minn disa' esperti
- Miktub b'Malti ħafif
- Kbir kważi daqs din il-paġna
- Fih 434 paġna



- Qoxra iebsa
- M'hawnx ieħor bħalu f'Malta (u jdum ma jkun hawn!!!)
- Jiswa BISS Lm8 miżeri!

**X'QED TISTENNEW? LI JINĦATAF KOLLU?**

Issibu tixtruh minn ħwienet tal-kotba, u anke min-Nature Shop tagħna f'65 Triq Sta Luċija, Il-Belt



## *"Il-Passa ta' l-Għasafar"*



Ktieb bil-kulur li jispjega l-miraklu tal-passa.

# Għalik b'xejn

jekk iddaħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf!

Imla dil-formola u ibgħatha lil
**Daħħal Membru Ġdid Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta MOS**
**POBox498 Valletta CMR01**

# IRNEXXIELI

Dettalji tal-membru l-ġdid

**Isem:** ____________________

**Indirizz:** ____________________

____________________

____________________

**Tel:** ________ **Data tat-twelid:** ________

Dettalji tiegħi

**Isem:** ____________________

**Membership number:** [ ]

Ma' dil-formola għandek issib ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.


Jekk ma tridx tgħarraq il-magażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha




# Kos, hux, kemm hu sabiħ ħajt tas-sejjieħ! U kos! Kemm hawn min jaf ikerrhu! JAQQ X'DIŻASTRU!!!